# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Nru 1786

KAZ NRU. 2190AC

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union

u

Dragonara Casino Ltd

dwar azzjonijiet dixxiplinarji mehuda kontra l-membru ta' l-union Mario D'Agostino

**Chairman:** **Is-Sur Alphonse Caruana**
**Membri:** **Is-Sur Francis Coleiro**
**Is-Sur Edmund Tabone**

It-Tribunal jirreferi ghas-sottomissjonijiet maghmula fis-seduta tat-8 ta' Jannar 2007 mid-difensuri tal-partijiet.

Jirreferi ghat-talba tal-kumpanija fejn tghid li dan il-kaz imressaq mill-General Workers' Union huwa kaz ta' allegat diskriminazzjoni da parte tal-kumpanija kontra l-impjegat taghha Mario D'Agostino, u illi allura t-Tribunal ghandu jkun kompost minn Chairperson wahdu li jkun avukat b'esperjenza ta' ghall-inqas seba'snin u mhux minn tlett persuni kif prezentement kompost. Ghaldaqstant il-kumpanija talbet illi dana l-kaz jigi mismugh u ttrattat minn Tribunal kompost mill-gdid.

Il-General Workers' Union opponiet ghal tali talba u qalet illi il-kwistjoni titratta tilwima tax-xoghol u li dan it-Tribunal, kif prezentement kompost, jista jittratta kazijiet ta' diskriminazzjoni meta dawn ifeggu f'tilwima tax-xoghol.

Il-kwistjoni allura tikkoncerna is-segwenti:

(1) jekk dan it-Tribunal huwiex qed jintalab jinvestiga kaz ta' allegat diskriminazzjoni jew le; u
(2) jekk f'kaz pozittiv jistax, kif prezentement kompost jiddeciedi fuq kaz ta' diskriminazzjoni.

Meta wiehed jezamina l-kwistjoni, wiehed ma jistax jibbaza d-decizjoni tieghu fuq dak li jkun suggerit lilu minn xi parti jew ohra, izda irid jimxi skond il-Ligi.

It-Tribunal ghalhekk beda billi ezamina id-definizzjoni ta' trattament diskriminatorju li tipprovdi l-Ligi fl-Artikolu 2 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta):

*"trattament diskriminatorju" tfisser kull distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f'socjeta demokratika inkluza diskriminazzjoni fuq bazi ta' l-istat konjugali, tqala, jew twala potenzjali, sess, kulur, dizabilita', twemmin religjuz, opinjoni politika jew shubija fi trade union, jew f'assocjazzjoni ta' principali*."

It-Tribunal ezamina l-ittra mibghuta mill-General Workers' Union lill-Ministeru (20 ta' April 2004 – Fol 2) fejn ipproponiet it-tilwima tax-xoghol ghall-kunsiderazzjoni u decizjoni tat-Tribunal Industrijali liema tilwima tax-xoghol tikkoncerna '*kazi dixxiplinarji mehuda fil-konfront tal-membru taghha Mario D'Agostino.'*

It-Tribunal ezamina ukoll l-istqarrija tal-kaz tal-General Workers' Union fejn issir referenza ghal mod diskriminatorju li gie allegatament trattat l-impjegat Mario D'Agostino meta jinghad is-segwenti:

'*It-trattament ta' Mario D'Agostino mill-kumpanija fit-tlett okkazjonijiet imsemmija, ma kienx gustifikat u kien diskriminatorju fil-konfront tieghu…….It-Tribunal huwa*

*mitlub li jsib li l-kumpanija imxiet b'mod hazin, diskriminatorju, u eccessiv ma' Mario D'Agostino….*'

Fit-tielet okkazjoni i.e. fis-sottomissjonijiet verbali maghmula mid-difersur tal-General Workers' Union (Fol 664-708) issir referenza ghall-allegata 'diskriminazzjoni' u inter alia gie sottomess:

*'…U allura gustifikat li nghidu li f'dawn ic-cirkostanzi ghaliex il-kumpanija imxiet b'dak il-mod ma' l-impjegati l-ohra?Ahna ma nippretendux li ghandha taghmel gustizzja ma' impjegati l-ohra imma ghandna dritt li ingibu quddiem it-Tribunal dan il-fatt, id-differenza fit-trattament bhala prova, mhux indikazzjoni, prova konkluziva tat-trattament diskriminatorju da parti tal-kumpanija.'*

Il-bazi ta' din l-allegata diskriminazzjoni jidher li tinsab fid-distinzjoni li allegatament saret bejn it-trattament li inghata lil Mario D'Agostino u l-mod li bih gew trattati impjegati ohra f'cirkostanzi identici (senjatament il-kaz ta' Philip Mifsud fol 591,683).

Minkejja li  bla dubju materji ta' dixxiplina jaqu taht d-definizzjoni ta' tilwima tax-xoghol (Artiklu 2 tal-Att XII tal-2002) u li dawn il-kwistjonijiet ta' dixxiplina jistghu jigu trattati u decizi f'tilwima industrijali minn Tribunal kompost kif inhu prezentement, huwa car li f'dan il-kaz l-ilment u s-sustanza tat-talba tikkoncerna l-allegata diskriminazzjoni f'materji ta' dixxiplina.

Il-General Workers' Union infatti ssottomettiet illi:

'U allura ma nistawx ahna meta wiehed jikkonsidra dawn it-tlett kazi li saru ghar-rigward tar-rikorrent ma ninsistux ma' dan it-Tribunal li ghandu anke dwar l-ilment tar-rikorrent li hu mhux il-punishment li inghata fit-tielet kaz ma kienx gustifikat u ghandu jitwarrab u ma ghandux isofri dawk il-konsegwenzi kollha li saru. Imma

ghandu t-Tribunal jara illi kollox jindika li l-kumpanija imxiet b'mod diskriminatorju u abbuziv fir-rigward tar-rikorrent u nitolbu lit-tribunal li jsib dan.' (Fol 695-696)

U din l-allegata diskriminazzjoni (fittizja jew reali ghad trid tigi deciza) taqa taht is-sopra indikat provediment tal-ligi, fejn jinghad:

'…distinzjoni, eskluzjoni jew restrizzjoni li ma tkunx gustifikabbli f'socjeta demokratika…'

Ghalhekk ghalkemm materji ta' dixxiplina jistghu jigu trattati minn dan it-Tribunal, meta dak li hu mitlub mit-Tribunal huwa essenzjalment dikjarazzjoni ta' diskriminazzjoni allura japplika dak l-Artiklu fil-Ligi li jittratta fuq diskriminazzjoni; u sussegwentement kif u quddiem min kawzi ta' din in-natura ghandhom jigu trattati.

Mic-citati suespost jidher car mhux biss ghal darba izda izjed, kemm bil-miktub kif ukoll fis-sottomissjonijiet verbali illi l-appellant uza l-kelma 'diskriminatorja' bhala il-mod li bih hu qed jallega li gie ittrattat mill-kumpanija. Dan l-uzu zgur ma jistax jigi interpretat bhala li kien qed juza il-kelma b'mod legger jew b'mod popolari fis-sens illi l-appellant kien qed jigi moghti trattament ingust 'unfair treatment' biss – izda hu bla dubju illi l-kelma 'diskriminatorja' hawn uzata ghandha tiftiehem bis-sens li taqa' taht dak li l-Ligi fl-interpretazzjoni taghha taghti ghal din il-kelma.

In vista tas-suespost johrog car li t-Tribunal qieghed jintalab jinvestiga jekk kienx hemm diskriminazzjoni fit-trattament ta' l-impjegat Mario D'Agostino, u li abbazi ta' l-investigazzjoni tieghu jaghti dikjarazzjoni f'dan ir-rigward.

Tibqa ghalhekk il-kwistjoni jekk it-Tribunal kif prezentement istitwit ghandhux il-kompetenza skond il-Ligi li jaghmel dan.

Hawnhekk issir riferenza ghall-Artiklu 30(3) tal-Att XII tal-2002 li jghid:

*‘Għall-finijiet tas-smigħ u tad-deċiżjoni ta’ kawżi dwar l-allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni….it-Tribunal Industrijali jkun magħmul minn chairperson waħdu bil-mod stabbilit fl-artikolu 73(4)’*, u cioe it-Tribunal irid ikun magħmul minn Chairperson waħdu li jkun magħżul mill-membri li jkunu avukati b’esperjenza ta’ għall-inqas seba’ snin.

It-Tribunal jifhem illi dan l-artikolu tal-Liġi japplika għall-każ preżenti.

Il-Liġi ma tagħmilx distinzjoni fuq il-mod kif għandhom jiġu trattati kwistjonijiet ta’ diskriminazzjoni skond jekk dawn ifeġġux f’tilwima tax-xogħol jew le; jew jekk jiġux imqajjma fil-bidu tal-każ jew le. Il-Liġi tgħid sempliċement li għall-finijiet tas-smiegħ u tad-deċiżjoni ta’ kawżi dwar allegazzjoni ta’ diskriminazzjoni it-Tribunal għandu jkun kompost b’mod partikolari, i.e. minn wieħed mill-avukati nominati għad-disputi ta’ din in-natura u mhux minn tlett membri. U dan il-provvediment hu tassattiv.

Għalhekk wieħed jista jikkumenta illi filwaqt li it-Tribunal jesprimi x-xewqa tiegħu li jiffinalizza dan il-każ, speċjalment meta il-proċeduri waslu għall-konkluzjoni tagħhom, hu għandu l-obbligu gialadarba il-punt ġie imqajjem u it-talba magħmula (mingħajr ma nidħlu jekk dan hux wkoll obbligu ‘ex officio’ tat-Tribunal) u gialadarba li il-Liġi hekk tipprovdi tassattivament, li jastjeni milli jieħu deċiżjoni u jirreferi l-każ lura  lill-Ministeru sabiex it-Tribunal jiġi kompost diversament. It-Tribunal iħossu inkwetat li dan il-punt bażikament proċedurali tqajjem f’dan l-istadju tardiv tal-process. Iżda it-Tribunal għandu id-dmir li jimxi dejjem skond il-Liġi fid-deċiżjonijiet tiegħu u l-Liġi hija ċara f’dan ir-rigward u ma tagħtix lok għall interpretazzjoni diversa.

It-Tribunal iħossu fid-dover jikkomenta illi din il-kwistjoni kellha titqajjem fil-bidu tal-proċeduri – u dan il-punt (i.e. jekk l-ilment hux fuq bażi ta’ diskriminazzjoni jew le) jista – u għandu ‘ad validitatem’ – jiġi iċċarat appena li ssir it-talba mill-

appellant lill-Ministeru – jew ta' l-inqas fil-bidu tal-proceduri quddiem it-Tribunal, bl-iskop li it-Tribunal sa mill-bidu nett tal-proceduri ikun kompost skond ma tipprovdi l-Ligi u li b'hekk il-proceduri jigu stradati tajjeb mill-bidu. B'hekk jigu evitati telf ta' zmien, xoghol u aspettativa inutilment - kif zgur gara f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara li din il-kwistjoni tikkoncerna kaz dwar allegata diskriminazzjoni, u li it-Tribunal kif prezentement kompost ma jistax jidhol fil-mertu ta' talba li tirrigwarda diskriminazzjoni; jilqa' t-talba tad-Dragonara Casino u jordna li il-process ghandu jigi ritornat lill-Ministeru ghall-azzjoni taghhom. Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

(iffirmat) Alphonse Caruana
Chairman

| | |
|---|---|
| Francis Coliero | (iffirmat)Edmund Tabone |
| Membru | Membru |

Nota

Anness ma' din id-decizjoni hemm Minority Report mis-Sur Francis Coleiro

**Minority Report minn Francis Coleiro dwar l-oggezzjoni tal-kumpanija**

KAZ NRU. 2190AC

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

General Workers' Union

u

Dragonara Casino Ltd

dwar azzjonijiet dixxiplinarji mehuda kontra l-membru ta' l-union Mario D'Agostino

1. Nibda billi nissottometti li ma naqbilx mat-tezi tal-kumpanija u lanqas mad-decizjoni dwar il-kaz ta' diskriminazzjoni. Din hi t-tieni darba li l-kumpanija riedet twaqqaf lil dan it-Tribunal milli jkompli jisma' dan il-kaz.

2. Ingib ghall-attenzjoni dwar kif gew sottomessi t-'Terms of Remit', li kienu purament dwar id-dixxiplina li giet imposta fuq Mario D'Agostino. Ghandhom jigu miflija d-dokumenti kollha imressqa waqt is-smiegh u wkoll il-minuti ta' mill-inqas hmistax (15) il-seduta u x-xhieda li kollha tkellmu mill-kazi tad-dixxiplina.

3. Ma' dawn tajjeb li wiehed jaqra sewwa s-sottomissjonijiet finali kemm tal-Kumpanija u aktar tad-difiza li kienu principalment kemm ma kienux gustifikati l-mizuri li ttiehdu kontra d'Agostino.

4. Il-kumpanija bbazzat l-argument taghha li dan it-Tribunal ghandu jieqaf li jkompli jisma u jiddeciedi dan il-kaz minhabba l-fatt li d-difiza ta' D'Agostino irreferiet ghall-mod <u>diskriminatorju</u> li gie trattat bih D'Agostino.

5. Ma jfissirx li meta ssemmiet il-kelma "diskriminatorju" u abbuziv id-difiza kienet qed taghmel paragun bejn D'Agostino u xi hadd iehor, imma diskriminatorju jfisser li ttiehdu passi drastici kontra D'Agostino li fil-fatt ma

kienux kif stabbiliti fil-Ftehim Kollettiv u li ghax dan kien rapprezentant tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

6. Rigward il-paragun bejn haddiem u iehor, tajjeb li nirreleva li jekk ma kienx hemm raguni li jittiehdu passi fuq impjegati ohra, waqt is-smiegh hareg li ghamlu l-istess kazi, x'raguni kien hemm li jittiehdu fuq D'Agostino u dan hu fejn jidhol id"-diskriminatorju".

7. Jekk il-kumpanija deherilha li kienet qed tissemma l-kelma diskriminazzjoni f'xi hin, li dan il-kaz ma kienx, il-kumpanija kienet fir-responsabilita li twaqqaf li tinghad din il-kelma, ghax ma kinitx fit-terms of remit' ta' l-istess G.W.U.

8. Raguni ohra li l-kumpanija bbazat l-argument taghha, ghax id-difiza ghan-nom tal-G.W.U. kull darba rreferiet ghal D'Agostino bhala r-rikorrenti, minflok jissemma b'ismu. Anke l-kumpanija stess kull darba kienet issemmi l-individwu b'ismu. Allura din hi r-raguni li t-Tribunal ghandu jieqaf milli jkompli jisma u jiddeciedi l-kaz?

9. Li ma semmietx il-kumpanija hu, li kien hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv, meta ma mxietx mieghu meta giet biex tiddixxiplina lil D'Agostino (ara klawsola 19b). Dan hu fil-kompitu tat-Tribunal li jiddeciedi.

10. Fuq kollox it-Tribunal m'ghandux jintilef fuq legalita' ta' kelma aktar milli jhares lejn il-gustizzja tal-kaz innifsu.

11. Ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ma naqbilx li t-Tribunal waqaf u li jiddeciedi dan il-kaz li ilu ghal dan l-ahhar tlett snin jigi diskuss.

---

F. COLEIRO